MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 108/2005

**Reginiano Caruana u martu Mary Caruana**

**vs**

**Johann Micallef**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-1 ta' Marzu tas-sena 2005 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi din l-Onorabbli Qorti tikkonferma definittivament, sa ma jithallas il-kreditu kollu tal-atturi, il-mandat ta' inibizzjoni numru 464/05 fl-ismijiet 'Reginiano Caruana u martu mary Caruana versus Johann Micallef' dekretat nhar it-23 ta' Frar tas-sena 2005;
2. Illi l-konvenut ikun inibit permanentement u mizmum milli jbiegh jew b'kull mod jitrasferixxi l-

makkinarju milqut bl-imsemmi mandat, cioe’ (a) ‘excavator’ tal-hames piedi, u (b) ‘Bobcat’ (gaffa zghira); u dana sa ma jithallas il-kreditu kollu dovut mill-konvenut lill-atturi, bhala bilanc ta’ prezz tal-makkinarju kolpit mill-imsemmi mandat ta’ inibizzjoni;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 464/05 kontra l-konvenut, minn issa ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni;

4. Illi ghall-fini ta’ kompetenza, jigi dikjarat illi l-ammont involut huwa ta’ erbat elef u mitt Lira Maltin, (LM4,100.00,0);

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-3 ta’ Novembru tas-sena 2005 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti;

1. Illi preliminarjament skond l-istess skrittura privata li saret referenza ghaliha mill-attur innifsu, elfejn Lira Maltin, (LM2,000.00,0), ga thallsu mill-konvenut u l-bilanc li ghad baqa’ ghandu jithallas fi zmien tlett (3) snin jigifieri huwa dovut f’Novembru tas-sena 2006 u ghalhekk l-azzjoni ta’ l-atturi hija intempestiva u saret minghajr ebda raguni valida dkons il-ligi izda biss sabiex tkun vessatorja fil-konfront tal-konvenut u halli l-attur ma jhallasx ammont dovut minnu lill-konvenut ghal xoghol li sar minn dan ta’ l-ahhar fuq inkarigu ta’ l-attur. Ghalhekk il-bilanc tad-debitu ghadu mhux dovut. Tant hu hekk illi f’mandat ta’ qbid fl-istess ismijiet hawn fuq indikati u bin-numru 162/05JA, il-pretensjoni ma saritx ghas-somma indikata f’dan l-avviz izda biss ghal elf, tlett mija u sebgha u hamsin Lira Maltin, (LM1,357.00,0), liema somma trid ukoll tigi mnaqqsa mill-pretensjonijiet ta’ l-attur fl-avviz odjern peress li dina tinsab depozitata taht l-awtorita’ ta’ dina l-Onorabbli qorti permezz ta’ cedola ta’ depozitu numru 3630/05 u ghalhekk il-pretensjoni ta’ erbat elef u mitt Lira Maltin, (LM4,100.00,0), ma hijiex korretta u gusta;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-atturi ma jistghux jimpedixxu lill-konvenut milli jbiegh jew b’kull mod jitrasferixxi l-makkinarju elenkat fl-

imsemmija skrittura u dan ghaliex fl-ewwel lok ma hemm ebda imposizzjoni fl-istess skrittura f'dan is-sens u fit-tieni lok ghad fadal aktar minn sena sabiex il-bilanc jigi kanonizzat u dan skond l-istess skrittura privata msemmija hawn fuq. Ghalhekk it-talba attrici ghall-konferma definittiva tal-mandat ta' Inibizzjoni numru 464/05 ghandha tigi michuda;

3. Illi fit-tielet lok l-atturi ma jistghux jinvokaw l-premessa li jekk jinbiegh il-makkinarju l-kreditu tieghu ser jigi eluz u dan ghaliex il-konvenut ghamel diversi xoghlijiet fuq inkarigu ta' l-attur liema hlasijiet dovuti ghal dawn ix-xoghlijiet li jammontaw ghal aktar minn hamest elef Lira Maltin, (LM5,000.00,0), ghadhom ma thallsux kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Ezaminat l-affidavit ta' l-attur Reginiano Caruana;

Innotat li l-konvenut ghalkemm inghata l-opportunita' li jipprezenta l-provi tieghu billi gie allokat data u hin specifiku ghal dan, u ghazel li la jipprezenta xhieda u lanqas ikun prezenti ghall-udjenza appozitament rizervata ghal dan l-iskop;

Innotat ukoll illi fl-udjenza ta' l-14 ta' Gunju tas-sena 2005, il-konvenut ipprezenta ruhu quddiem il-qorti u talab li jinghata l-opportunita' biex jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet;

Illi fl-istess udjenza t-talba tieghu giet milqugha u nghata ghoxrin (20) gurnata ghal dan;

Innotat li effettivament dan il-perjodu ghadda inutilment;

Illi in effetti l-istess konvenut ghazel li jipprezenta n-nota tieghu fit-3 ta' Novembru tas-sena 2005 u dan, minghajr ma jkun precedentement awtorizzat jaghmel dan;

Illi ghalhekk, stante li n-nota tieghu kienet abbundantement tardiva, u stante li ma jirrizultax li kien

debitament awtorizzat jipprezenta n-nota tieghu fid-data fuq indikata, tqis li din hi irrita u abbundantement fuori termine u ghalhekk tiddeciedi li tordna li l-istess nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tkun sfilzata;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi permezz tal-mandat ta' inibizzjoni datat it-23 ta' Frar tas-sena 2005, enumerat 464/05 istruwit fuq talba ta' l-atturi odjerni, il-konvenut Micallef kien inibit milli jbiegh u jitrasferixxi l-makkinarju ndikat fl-istess mandat u fl-avviz meritu ta' din il-procedura;

2. Illi ovvjament dan sar biex l-atturi jittutelaw d-drittijiet taghhom naxxenti minn skrittura konkluza bejn l-istess partijiet fit-13 ta' Novembru tas-sena 2003;

3. Illi l-konvenut ghad ghandu jhallas lill-attur bilanc ammontanti ghal erbat elef u mitt Lira Maltin, (LM4,100.00,0);

4. Illi skond l-istess skrittura, dan l-ammont irid jithallas fit-terminu hemm pattwit ta' tlett (3) snin;

5. Illi l-attur isostni li l-konvenut qed jipprova jbiegh u jittrasferixxi l-makkinarju inibit u fil-fatt isostni wkoll li l-konvenut kien anke dahal fi ftehim biex ibiegh il-makkinarju u addirittura jsostni li ghaddihom ukoll lil haddiehor;

6. Illi meta t-terza persuna nvoluta fit-transazzjoni de quo saret taf bil-mandat de quo, hu regga' n-negozju lura;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut, mhux biss jirrizulta li kien tardiv meta pprezenta l-eccezzjonijiet tieghu izda jidher ukoll li ghazel li ma jressaqx provi favur tieghu tul il-procedura;

Ikkunsidrat;

Illi jidher pero' pjuttost stramb li l-atturi ghazlu li jippromwovu l-procedura odjerna;

Illi in effetti jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-mandat ta' inibizzjoni de quo hu ndirizzat fil-konfront tal-makkinarju ndikat fl-avviz odjern;

2. Illi ghalhekk dan il-makkinarju hu iffirizat u ghandu jkun sottopost skond il-ligi that il-kustodja ta' persuna appozitament appuntata biex tiehu pussess ta' l-istess makkinarju biex jittutela l-interessi involuti;

3. Illi fit-terminu stabbilit, l-istess atturi jidher li anke intavolaw d-debita procedura biex jikkristallizzaw l-allegazzjoni taghhom fil-mandat de quo fi dritt taghhom gudizzjarjament sancit u rikonoxxut;

Illi ghalhekk jirrizulta li l-pozizzjoni precedentement kristallizzata hi s-segwenti:

1. Illi l-makkinarju de quo jirrizulta kolpit b'mandat t'inibizzjoni regolarment awtorizzat;

2. Illi dan il-mandat gie fortifikat b'azzjoni appozita skond il-ligi;

3. Illi l-ammont ta' flus dovut lill-atturi mill-konvenut ghandu jigi mhallas bil-modalita' pattwita fl-iskrittura fuq riferita u l-mandat de quo qieghed biss biex jittutela d-drittijiet ta' l-atturi fil-kaz li l-konvenut ma jottemporax ruhu ma dawn il-modalitajiet;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant jidher li l-azzjoni odjerna m'hix ser tbiddel ir-relazzjoni li tezisti bejn il-partijiet bl-ebda mod, ma zzid xejn gdid fir-relazzjoni bejn il-partijiet u ma tikkristallizza xejn li m'hux gia' precedentement stabbilit bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, filwaqt li tiddikjara l-azzjoni odjerna intempestiva tirrespingi t-talbiet attrici, bl-ispejjez.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------